



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10054/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0196(COD)

FSTR 108
REGIO 144
FC 48
CADREFIN 270
RELEX 586
SOC 445
PECHE 278
JAI 659
SAN 295

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett leġiżlattiv għall-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 - Sfidi futuri fil-programmazzjoni tal-fondi = Dibattitu ta' orjentazzjoni

**DOKUMENT TAL-PRESIDENZA DWAR "SFIDI FUTURI FIL-PROGRAMMAZZJONI
TAL-FONDI"**

Il-Ministri inkarigati mill-Politika ta' Koeżjoni huma mistiedna jipprovdu aktar gwida politika dwar żewġ suġġetti ta' importanza kbira għall-futur tal-Politika ta' Koeżjoni:

- Il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew u r-rabta msaħħa mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE;
- Il-governanza ekonomika għall-effettività tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-oġġettivi ta' konverġenza tal-UE.

I. SFOND

Il-pakkett leġislattiv għall-Politika ta' Koeżjoni jipprevedi rabta msaħħa mas-Semestru Ewropew, li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi element ewlieni tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-Istati Membri.

Ir-rapporti tal-pajjiżi u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) ta' din is-sena jipprovdu gwida speċifika għall-programmazzjoni tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-proċess governattiv fil-livell tal-UE u dak nazzjonali għandu jwassal għal koordinazzjoni mtejba bejn il-politiki ekonomiċi u soċjali fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali u l-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE.

Il-qafas regolatorju tal-Politika ta' Koeżjoni għall-2021–2027 jistabbilixxi rabtiet mas-Semestru Ewropew, li jistabbilixxi r-regoli għall-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-prestazzjoni tal-fondi tal-UE.

Ir-rabta tas-Semestru Ewropew mal-Politika ta' Koeżjoni tinsab fiċ-ċentru tad-diskussjonijiet politiċi fil-livell tal-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti l-arkitettura u l-kontenut tal-programmi, biex b'hekk jiġu stabbiliti r-rabtiet upstream mal-Politika ta' Koeżjoni. Għalhekk il-proċess governattiv jista' jiġi separat bħala fażi upstream u downstream, maqsuma skont id-data tal-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Pajjiżi u s-CSRs.

Mill-perspettiva tal-Istati Membri, dan ser jeħtieġ approċċ aktar integrat fil-livell nazzjonali u reġjonali sabiex tissaħħaħ is-sjieda ta' riformi strutturali u investimenti relatati ffinanzjati mill-UE.

Fl-istess ħin, il-proċess governattiv tas-Semestru Ewropew għandu jippermetti parteċipazzjoni, koordinazzjoni u kontribut aħjar min-naħa ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-Politika ta' Koeżjoni.

L-adozzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir (SAT) tal-2019 immarka l-punt tat-tluq ta' ċiklu attwali tas-Semestru Ewropew. Il-prijoritajiet stabbiliti fis-SAT huma interkonnessi mill-qrib u rinfurzati b'mod reċiproku, li jenfassizaw il-ħtieġa għal approċċ integrat fil-livelli nazzjonali u tal-UE, sabiex jiġi żgurat tkabir inklużiv u żvilupp ekonomiku sostenibbli, filwaqt li tittejjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika ġenerali. Għandha ssir enfasi speċjali fuq il-ħtieġa għal investiment ibbażat fuq is-sitwazzjoni speċifika fil-livell nazzjonali u reġjonali, filwaqt li titqies il-konverġenza u jitnaqqsu d-disparitajiet li jeżistu fil-Politika ta' Koeżjoni.

L-Istati Membri jirrikonoxxu li s-CSRs jgħinu biex ir-riformi jappoġġaw iż-żieda fil-potenzjal ta' tkabir, il-modernizzazzjoni tal-ekonomiji nazzjonali u jsaħħu aktar ir-reżiljenza tagħhom. Għal din ir-raġuni, ir-rabtiet operazzjonali biex jiġu ssimplifikati l-proċessi eżistenti u tiġi żgurata koerenza akbar bejn il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, is-CSRs rilevanti u l-użu tal-fondi tal-UE ġew skrutinizzati u mtejbja waqt in-negozjati tal-pakkett legiſlattiv għall-Politika ta' Koeżjoni.

Governanza ekonomika soda u rekwiżiti trasversali oħra applikabbli għall-infiq baġitarju kollu tal-UE huma meqjusa bħala pass 'il quddiem fid-direzzjoni lejn żieda fl-effettività tal-fondi kollha tal-Politika ta' Koeżjoni. Madankollu, huwa magħruf li sospensjoni obbligatorja tal-fondi twassal għal penali finanzjarji u għandha rabta indiretta mal-investimenti appoġġati mill-Politika ta' Koeżjoni b'mod ġenerali. F'dan il-każ, l-Istati Membri xorta ser ikollhom jidentifikaw ir-riżorsi finanzjarji biex jipprovdu l-fluss tal-flus sabiex ikomplu l-investimenti u jħallsu lill-benefiċjarji. Għandha tingħata attenzjoni biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli ta' sospensjonijiet fit-tul li jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni.

II. MISTOQSIJET GĦAD-DIBATTITU

1. *X'inhuma l-fehmiet tal-Istati Membri dwar ir-rabtiet operazzjonali bejn il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u l-eżerċizzju attwali tas-Semestru Ewropew?*
 2. *Liema sfidi huma previsti għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni 2021–2027 fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019? Liema sfidi jistgħu jinqalgħu matul l-eżerċizzju ta' rieżami ta' nofs it-terminu fl-2025 (abbażi tas-CSRs tal-2024)?*
 3. *Kif għandhom jiġu rrikonċiljati l-governanza ekonomika u l-oġettiv ta' konverġenza?*
-